# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 21**

**Rikors maħluf numru 451/2007 AL**

**Avukat Henri Mizzi bħala mandatarju f'isem is-soċjetà estera *The Football Association Premier League Limited*; u s-soċjetà *Melita Cable p.l.c.*, illum *Melita Limited***

***v.***

***Telestarr Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetajiet atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' April 2012 li ċaħdet talba tal-istess atturi għal dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta kisret id-drittijiet ta' awtur tagħhom u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni għal dak il-ksur. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Is-soċjetà attriċi *The Football Association Premier League Limited* ["*FAPL*"] tgħid illi għandha d-dritt ta' awtur fuq xandiriet ta' logħob tal-

*Premier League* tal-Ingilterra. Dawn ix-xandiriet huma tal-logħob b'żjieda ta' kummentarju bl-ingliż, mużika, *logos* u tagħrif ieħor bħal ma hija statistika tal-logħob, tagħrif fuq l-iskwadri li jkunu qegħdin jilagħbu jew tagħrif fuq *players* partikolari. *FAPL* imbagħad tagħti liċenza lil entitajiet oħra sabiex dawn ikunu jistgħu, bi ħlas, ixandu fil-pajjiż li għalih tingħata l-liċenza u taħt il-kondizzjonijet tal-liċenza. Fost il-kondizzjonijiet tal-liċenza hemm dik illi min jingħata l-liċenza għandu jara illi l-filmati ma jixxandrux barra t-territorju li għalih tkun ingħatat il-liċenza, u jara wkoll illi ma jsir ebda użu bil-kunsens tiegħu minn mezzi (bħal ma huma *decoders* jew *cards* elettroniċi) li bihom ikun hemm min ikun jista jirċievi x-xandiriet barra t-territorju liċenzjat.

3. Is-soċjetà attriċi *Melita Ltd* ["*Melita*"] għandha liċenza esklusiva biex hi biss tista' tagħmel dawk ix-xandiriet f'Malta u lill-klijenti tagħha tagħtihom *decoders* jew *cards* elettroniċi sabiex ikunu jistgħu jaraw dawn ix-xandiriet f'Malta, b'dan illi tagħti dan is-servizz biss lil klijenti li għandhom indirizz f'Malta.

4. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tbigħ lill-klijenti tagħha *cards* elettroniċi miksuba minn pajjiżi oħra biex hekk il-klijenti tagħha jistgħu jirċievu f'Malta x-xandiriet ta' logħob tal-*Premier League* mingħajr ma jinqdew bis-servizzi ta' *Melita*, li weħedha għandha liċenza biex ixxandar dak il-logħob.

5. Dan, igħidu l-atturi, sar bi ksur tad-drittijiet tagħhom u għalhekk bi protest ġudizzjarju sejħu lill-konvenuta biex ma tkomplix b'dan il-ksur. L-atturi jgħidu wkoll illi l-konvenuta qablet illi ma għandhiex tkompli

tikser id-drittijiet tagħhom u wriet ix-xewqa illi tittransiġi. L-atturi aċċettew li jiddiskutu dwar transazzjoni b'dan iżda illi d-diskussjonijiet ma jkunux "bla preġudizzju", jiġifieri illi l-ammissjoni tal-konvenuta, waqt id-diskussjonijiet, li hi kisret id-drittijiet tagħhom tkun tista' tintuża kontrieha. Il-konvenuta iżda tgħid illi d-diskussjonijiet saru dejjem "bla preġudizzju".

6. It-tentativi ta' transazzjoni ma wasslux għal ftehim u għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »i. tiddikjara illi bl-aġir tagħha s-soċjetà intimata kisret id-drittijiet tal-awtur ta' [*FAPL*] u d-drittijiet ta' [*Melita*], din tal-aħħar bħala l-unika soċjeta f'Malta illi hija awtorizzata titrasmetti l-logħob;
>
> »ii. tiddikjara illi minħabba f'dan l-aġir, [*FAPL*] u [*Melita*] sofrew danni;
>
> »iii. tillikwida dawn id-danni; u
>
> »iv. tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas dawk id-danni hekk likwidati «

7. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »i. illi preliminarjament … is-soċjetà estera [*FAPL*] għandha ġġib prova illi hija l-unika proprjetarja tal-*footage* tal-logħob tal-*Premier League* fl-Ingilterra;
>
> »ii. illi prelimininarjament ukoll … is-soċjetà rikorrenti l-oħra [*Melita*] għandha ġġib prova illi hija l-unika liċenzjata f'Malta sabiex ixxandar l-imsemmi logħob b'mod esklussiv;
>
> »iii. illi fil-mertu t-talbiet attriċi … huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra taghhom;
>
> »iv. illi … s-soċjetà intimata ma hija marbuta b'ebda obbligazzjonijiet kuntrattwali mal-ebda waħda mis-soċjetajiet rikorrenti u għaldaqstant dak li ġie miftiehem kuntrattwalment bejn is-soċjetajiet rikorrenti u entitajiet oħra jikkostitwixxi *res inter alios acta* fil-konfront tas-soċjetà esponenti;
>
> »v. illi fi kwalsiasi każ is-soċjetà esponenti aġixxiet legalment kif ukoll *in buona fede* u għaldaqstant ma tista' tinżamm responsabbli għal ebda danni reklamati mis-soċjetajiet rikorrenti;
>
> »vi. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetajiet rikorrenti għand[hom] iressqu prova ċara u mhux ipotetika tad-danni allegatament minnhom sofferti kif ukoll li tali danni allegatament sofferti huma riżultat ta' xi azzjoni jew omissjoni da parti tas-soċjetà esponenti;

»vii. illi *inoltre* kuntrarjament għal dak li jingħad … fir-rikors ġuramentat, in-negozjati u d-diskussjonijiet li setgħu saru qabel il-ftuħ tal-proċeduri odjerni saru dejjem fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju … «

8. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»… tiċħad it-talbiet attriċi, tiċħad l-ewwel u t-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, filwaqt li tilqa' t-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tal-istess soċjetà konvenuta; bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet attriċi fi kwoti ndaqs bejniethom.«

9. Ir-raġunijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni, safejn huma relevanti għall-meritu tal-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Illi il-qorti għandha quddiemha talba għal dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta kisret d-drittijiet tal-awtur tas-soċjetà estera [*FAPL*] u d-drittijiet ta' esklussività ta' [*Melita*] u tliet talbiet konsegwenzjali, u *cioè* talba dikjaratorja li, minħabba l-aġir tas-soċjetà konvenuta, l-atturi sofrew danni, talba għal-likwidazzjoni ta' danni u l-aħħar talba għal kundanna tal-ħlas ta' danni.

»… … …

»Il-qorti tibda biex tirrileva li l-mertu tal-kawża jdur fuq allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur u ksur tad-drittijiet ta' esklussività tas-soċjetà *Melita plc* u għalhekk, għall-finijiet ta' prattiċità, il-qorti ser tieħu ż-żewġ allegati ksur tad-drittijiet b'mod separat:

»Ksur tad-Drittijiet tal-Awtur

»Illi s-soċjetà attriċi *FAPL* tibbaza l-kawża tagħha fuq artikolu 43(1) tal-Kap. 415[1] li jipprovdi hekk:-

> »"Meta xi hadd jikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet *sui generis* fuq xi xogħol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet, jiġi kundannat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla għall-ħlas tad-danni jew għall-hlas ta' penali li tiġi stabilita skond skala ta' multi li tiġi preskritta mill-Ministru, kif dik il-qorti, wara li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jidhrilha xierqa, u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet *sui generis*".

»Illi l-qorti tirrileva li qabel ma tikkunsidra l-applikabbilità tal-artikolu ċitat, huwa neċessarju għaliha li fl-ewwel lok tara u tiddeċiedi jekk … *FAPL* għandhiex drittijiet tal-awtur u fit-tieni lok jekk tali drittijiet (dejjem jekk huma eżistenti) ġewx leżi mis-soċjetà konvenuta jew le.

Illi il-qorti tagħmel referenza wkoll għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni] Ewropea fl-ismijiet Football Association Premier League Limited v. QC Leisure[2] u Karen Murphy v. Media Protection

[1] Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

[2] »C-403/08 deċiża fl-4 ta' Ottubru 2011.«

<u>Services Limited</u>[3] fejn f'każ simili l-qorti ddikjarat li "*FAPL cannot hold copyrights in the live football matches since they cannot be classified as works. … To be so classified, the subject-matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation … However, sporting events cannot be regarded as "intellectual creations", and football matches … which are subject to rules of the game, leave "no room for creative freedom*".

»Illi għalhekk, *ai termini* tal-istess deċiżjoni tal-qorti tal-Ġustizzja Ewropea fl-ismijiet imsemmija aktar 'il fuq, il-qorti taqta' u tiddeċiedi li, ġaladarba s-soċjetà attriċi *FAPL* m'għandhiex drittijiet tal-awtur, hija qatt ma setgħet sofriet xi ksur ta' xi allegati drittijiet u għalhekk il-qorti ma tħossx li hu opportun li tidħol fil-kwistjoni tal-allegat ksur. … … …

»Ksur tad-Drittijiet relatati mal-esklussività favur *Melita plc*

»Illi is-soċjetà attriċi tikkontendi li d-dritt ta' esklussività tagħha ġie miksur minħabba l-agir tas-soċjetà konvenuta. … … … [I]s-soċjetà *Melita plc*, għaż-żmien relattiv, kellha f'idejha l-esklussività tax-xandir tal-logħob tal-*Premier* Ingliż. Jifdal biss allura sabiex il-qorti tiddeċiedi jekk dan id-dritt ta' esklussività ġiex miksur mis-soċjetà konvenuta.

»Illi il-qorti tara illi f'dan l-istadju huwa importanti li jingħad li kuntratti li permezz tagħhom jiġi ristrett xi forma ta' servizz jew importazzjoni huma preklużi mill-liġi applikabbli tal-kompetizzjoni, u dan ġie diversi drabi kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Fil-kamp speċifiku ta' drittijiet tal-awtur kontra l-prinċipju tal-*freedom to provide services* is-soċjetajiet attriċi jagħmlu diversi referenzi għal każistika u jżidu jgħidu wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dejjem sostniet li huwa ġustifikat li jkun hemm restrizzjoni fuq il-*freedom to provide services* kemm-il darba din ir-restrizzjoni hija ġustifikata għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali. F'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża deċiza mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fl-ismijiet <u>Karen Murphy v. Media Protection Services Limited</u>[4] fejn l-attur Karen Murphy bħala s-sid ta' *pub* kien ġie mmultat diversi drabi talli uża *decoder cards* Griegi biex b'hekk jissorpassa l-kontrolli tax-xandir relatati mal-*football* ingliż imposti mill-*FAPL* (*Football Association Premier League Ltd*) u l-liċenzjata tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, wara li kkunsidrat il-fatti, waslet għad-deċiżjoni li l-projbizzjoni fuq l-attur sabiex ixandar il-logħbiet permezz ta' *decoder cards* barranin hija waħda illegali *stante* li tmur kontra artikolu 56 TFEU, filwaqt li d-derogazzjonijiet mill-istess prinċipju jingħataw biss "*to the extent to which they are justified for the purpose of safeguarding the rights which constitute the specific subject-matter of the intellectual property concerned*". Fil-kawża hawn fuq imsemmija, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea stqarret illi l-projbizzjoni tad-*decoders* barranin (preċiżament bħal m'huwa l-każ odjern) tmur lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet ta' remuner-azzjoni għal dawk li għandhom tali dritt in kwistjoni għaliex fi kliem l-istess qorti "*Appropriate remuneration did not mean the highest possible remuneration*".

»Illi għalhekk din il-qorti fl-ewwel lok trid tiċċara li minkejja li ġie ampjament pruvat li s-soċjetà attriċi kienet tgawdi mill-esklussività tax-

[3] »C-429/08 deċiża fl-4 ta' Ottubru 2011.«

[4] »C-429/08 deċiza fl-4 ta' Ottubru 2011.«

xandir, din l-esklussività kienet tkun biss konformi mal-liġi li kieku kienet applikata sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tal-awtur kif diġà ġie aċċennat aktar 'il fuq.

»Ikkunsidrat :

»Illi il-qorti tagħmel referenza wkoll għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fl-ismijiet Karen Murphy v. Media Protection Services Limited fejn l-istess qorti ddikjarat ukoll li "*FAPL cannot hold copyrights in the live football matches since they cannot be classified as works. … To be so classified, the subject matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation … However, sporting events cannot be regarded as "intellectual creations", and football matches … which are subject to rules of the game, leave "no room for creative freedom*".

»Illi ġaladarba […] jirriżulta li l-*FAPL* lanqas għandha drittijiet tal-awtur, allura, neċessarjament, l-esklussività li tgawdi s-soċjetà attriċi *Melita plc* ma tista' qatt tgawdi minn xi deroga kontra l-projbizzjoni tax-xandir sabiex proprju jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-awtur. Dan neċess-arjament iwassal lil din il-qorti għall-konklużjoni li, għalkemm bejn is-soċjetajiet atturi kien hemm kuntratt vinkolanti bejniethom u li permezz tiegħu s-soċjetà *Melita plc* ingħatat l-esklussività msemmija, ġaladarba m'hemm ebda dritt tal-awtur favur *FAPL*, xejn ma seta' jżomm lis-soċjetà konvenuta milli tbigħ tali *decoders*. Dan għaliex kollox jorbot fuq il-fatt dwar jekk hemmx dritt tal-awtur in kwistjoni jew le. Ġaladarba kif diġà ġie rilevat, li *FAPL* m'għandu ebda drittijiet tal-awtur, allura m'hemm ebda ness bejn l-esklussività li kienet tgawdi *Melita plc* u xi deroga li setgħet saret għall-prinċipju relatat mal-*freedom to provide services*.

»Illi għal dawn ir-ragunijiet il-qorti qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta filwaqt li tiċħad l-ewwel żewġ talbiet attriċi.

»Dwar ir-raba' eċċezzjoni u *cioè* dik li s-soċjetà intimata m'għandha ebda obbligazzjoni kuntrattwali mal-ebda mis-soċjetajiet rikorrenti u għalhekk dak miftiehem bejniethom jikkostitwixxi *res inter alios acta* fil-konfront tal-istess soċjetà intimata

»Il-qorti tibda biex tirrileva li bejn iż-żewġ soċjetajiet atturi hemm obbligazzjonijiet ta' natura kuntrattwali … … … Konsegwenzjalment, l-obbligazzjonijiet taż-żewġ soċjetajiet joħorġu mill-istess kuntratti msemmija iżda jrid jiġi rilevat ukoll li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, speċjalment fil-konfront ma' terzi, temani mil-liġi stess u għalhekk ftit jibqa' rilevanti jekk is-soċjetà konvenuta kinitx parti mill-ftehim milqugħ [*recte*, milħuq] bejn l-atturi jew le.

»Konsegwentement, l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-*res inter alios acta* mhux applikabbli għall-każ odjern u għalhekk, il-qorti qiegħda tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

»Dwar il-ħames eċċezzjoni u cioè li s-soċjetà konvenuta aġixxiet legalment, *in buona fede* u li għalhekk ma tista tinżamm responsabbli għal ebda danni reklamati

»Is-soċjetà konvenuta tippremetti li l-bejgħ tal-*cards* u sistemi li permezz tagħhom jingħata aċċess għal-logħob tal-*premier* Ingliż, mingħajr din ma kienet debitament awtorizzata mill-*premier league*

sabiex tagħmel dan, sar *in buona fede* u għalhekk ma tistax tinżamm responsabbli għad-danni allegati.

»Illi dwar jekk is-soċjetà konvenuta attwalment bigħetx tali *cards* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, u dan *stante* li mid-diċitura tal-istess eċċezzjoni jidher li s-soċjetà konvenuta stess qed tikkonferma li għamlet dan il-bejgħ (iżda żżomm ferm illi dan għamlitu *in buona fede*). […] Jifdal allura lil din il-qorti sabiex tevalwa jekk it-teżi tal-istess soċjetà konvenuta, u *cioè* li hija aġixxiet *in buona fede,* tistax tkun ta' difiża għall-istess soċjetà konvenuta u, fuq kollox, jekk il-prinċipji u r-rekwiżiti applikabbli ġewx pruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

»… … …

»Il-qorti tirrileva li huwa prinċipju stabbilit li, kwantu għall-*buona fede,* din hija preżunta bil-liġi, u għalhekk il-prova kuntrarja tinkombi fuq min irid jattakkaha. Is-soċjetajiet rikorrenti ma jsemmu ebda premessa relatata mal-*buona fede* jew le iżda jallegaw il-ksur tad-drittijiet tagħhom tal-awtur u drittijiet ta' esklussività. Fin-nota ta' sott-omissjonijiet tagħhom, jagħmlu enfasi kbira fuq l-allegat nuqqas ta' *buona fede* da parti tas-soċjetà konvenuta u jagħtu spjegazzjoni dettaljata għala tali *buona fede* ma tirriżultax, però l-qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tas-soċjetajiet attriċi għaliex huwa aktar vero-simili li jekk wieħed ikun konxju mill-fatt li tali *decoder cards* huma illegali, ma joħroġhomx għall-bejgħ jew li saħansitra jirreklamahom. Il-fatt li tali reklamar sar tant b'mod apert mis-soċjetà konvenuta huwa indikazzjoni ċara għall-qorti li s-soċjetà konvenuta aġixxiet *in buona fede* u b'konvinzjoni li tali *decoders* inġabu f'pajjiżna skond il-liġi. Li kieku dan ma kienx il-każ u li kieku s-soċjetà konvenuta kienet verament taf li tali *decoders* kienu illegali, żgur li l-istess soċjetà konvenuta ma kinitx ser toħroġhom fl-apert, anzi kienet tagħmel dak kollu li hu possibbli biex taħbihom.

»*In vista* ta' dak suespost, il-qorti qiegħda tilqa' l-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

»Dwar id-danni allegatament sofferti

»In kwantu għad-danni mitluba, is-soċjetajiet attriċi għamlu referenza għall-artikolu 12 tal-Kap. 488 li jagħti lok għad-danni kummensurati għall-preġudizzju soffert inkluż konsegwenzi ekonomiċi avversi, inkluż telf ta' profitt mis-soċjetajiet attriċi u profitti mhux ġusti magħmula mis-soċjetà konvenuta, tenut kont anki tal-preġudizzju morali sofferti. Min-naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta, permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħha, tikkontendi li d-danni soġġetti għal-likwidazzjoni ta' din il-qorti għand-hom ikunu danni sofferti u mhux ipotetiċi u li fuq kollox iridu jippruvaw li l-istess danni allegatament sofferti huma riżultat ta' xi azzjoni jew omissjoni da parti tas-soċjetà intimata.

»… … …

»Illi il-qorti tħoss li ġaladarba, hekk kif diġà ntqal aktar 'il fuq, jirriżulta ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tal-awtur relatati max-xandir tal-*football, stante* li dawn m'humiex xogħlijiet tagħha jew li b'xi mod huma kreazzjoni tal-istess soċjetajiet atturi, allura l-kwistjoni tal-allegati danni u likwidazzjoni tal-istess m'hijiex applikabbli f'kull sens. Iżda għal finijiet ta' kompletezza, din il-qorti qiegħda tilqa' s-sitt eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta *stante* li d-danni allegati mis-soċjetajiet attriċi, speċjalment da parti tas-soċjetà konvenuta *Melita plc*, huma esaġerati

u eċċessivi peress li m'humiex danni fattwali iżda huma maħduma a bażi ta' probabiltà.

»Dwar is-seba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata relatata ma' diversi atti u dokumenti preżentati in atti u relativi għal xi negozjati u diskussjonijiet li setgħu saru qabel il-ftuħ tal-proċeduri odjerni li saru dejjem fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju

»Illi dwar l-użu tat-terminu 'Bla Preġudizzju', il-qorti tirrileva li, kif inhu magħruf, it-transazzjoni ta' kwistjoni hi inkoraġġita, sew jekk it-transazzjoni sseħħ qabel ma tinfetaħ kawża, u sew jekk wara. Biex isseħħ transazzjoni, iridu jsiru negozjati. U biex negozjati jkunu jistgħu iwasslu għall-għan aħħari tagħhom, il-partijiet iridu jkunu ħielsa li jitkellmu apertament dwar il-kwistjoni ta' bejniethom, mingħajr biża' li dak li jkun intqal fil-kuntest tan-negozjati jintuża kontriehom f'qorti jekk it-transazzjoni ma sseħħx. Hu għalhekk li negozjati jsiru fuq bażi ta' 'mingħajr preġudizzju'. Meta jintuża f'dan il-kuntest, it-terminu jfisser li dak li jinkiteb u dak li jintqal fi sforz biex isseħħ transazzjoni ma jistax jintuża quddiem qorti. Meta jintuża f'kuntesti oħra, it-terminu 'mingħajr preġudizzju' għandu tifsiriet oħra. Billi l-użu korrett tat-terminu hu ta' importanza kbira, il-qorti ser tidhol fit-tifsiriet differenti tat-terminu:

»(a) Inammissibilità: il-bażi legali

»Illi prova ta' dak diskuss jew miktub f'dan il-kuntest ma tistax issir għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok għaliex l-ordni pubbliku li jinkoraġġixxi t-transazzjonijiet hekk irid u fit-tieni lok għaliex il-ftehim ta' bejn il-partijiet hi l-liġi ta' bejniethom.

»Illi dwar l-ordni pubbliku, jiġi rilevat li t-transazzjoni hi waħda mill-modi ta' kif tintemm obbligazzjoni. Insibu fl-artikolu 1718(1) tal-Kodiċi Ċivili illi: "it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir".

»Illi l-importanza li l-istat jagħti lit-transazzjoni hi waħda impliċita, u dejjem ġiet rikonoxxuta. Wieħed isib ukoll il-konferma ta' dan f'ħafna aspetti tal-liġi: per eżempju fil-fatt li transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, mhux biss is-solitu effett ta' kuntratt, li hu l-liġi bejniethom, imma effett ta' *res judicata*; ukoll, jekk kawża tiġi transatta, l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment.

»Il-qrati rrikonoxxew il-politika favur it-transazzjonijiet. Irrikonoxxew ukoll il-bżonn, f'dan il-kuntest, li dak li jkun seħħ fuq bażi mingħajr preġudizzju ma jitqiesx bħala prova. … … …

»L-importanza, mill-*punto di vista* ta' ordni pubbliku, ta' din ir-regola toħroġ ukoll mill-Kodiċi tal-Etika u Mġieba għall-Avukati. Skond regola 12 tar-raba' parti tal-ewwel kapitolu tal-Kodiċi:

> »"L-avukati li jkunu qegħdin jittrattaw barra mill-qorti jew tribunal, biex jittransiġu xi kawża mibdija jew li tista' tinbeda, ma jistgħux jagħmlu użu fil-qorti minn dak kollu li jkun għadda bejn il-partijiet, ħlief bil-ftehim mal-parti l-oħra, u l-kontenut tat-trattativi ma għandux jiġi mgħarraf lill-qorti jew tribunal ħlief bi ftehim."

»Strettament, din ir-regola torbot lill-avukati, u mhux lill-partijiet. Però l-qrati tagħna interpretaw … din ir-regola bħala estensjoni tar-regola bażilari, fis-sens li fejn avukati jkunu involuti fi trattativi, huma mhux biss il-partijiet li ma jistgħux jużaw il-kontenut, imma l-avukati wkoll.

»… … …

»(b) L-aspett konvenzjonali

»Illi dan il-Kodiċi m'għadux kodiċi maħruġ mill-avukati għall-avukati. Il-Kodiċi hu maħruġ mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u għandu l-forza tal-liġi. Meta wżat f'kuntest ta' transazzjoni, it-terminu in kwistjoni għandu tifsira magħrufa, u għalhekk meta partijiet jużawh tajjeb hu ċar li jkunu jridu jintrabtu, kuntrattwalment, bil-konsegwenza tal-inammissibilità. U la darba jintrabtu, dik ir-rabta tgħodd bħala l-liġi ta' bejn il-partijiet u l-qrati għandhom jimplimentawha billi ma jippermettux li jitressqu provi f'dan ir-rigward. … … …

»… … …

»Illi għalhekk, in vista ta' dak suespost u b'referenza għal numru ta' dokumenti esebiti in atti, fosthom korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet u / jew l-avukati rispettivi tagħhom (fosthom l-email annessi mar-rikors 0promotur), kif ukoll dokumenti, fosthom arrangamenti u kuntratti li qatt ma gew iffirmati u / jew iffinalizzati *stante* li fuq uhud minnhom jirrizultaw it-*traċk ċhanges* u li allura jkomplu jagħtu prova tal-komunikazzjoni bejn il-partijiet relatati ma' possibilita' ta' transazzjoni, il-qorti qiegħda tiskarta tali dokumentazzjoni abbazi tal-fatt li tali dokumenti u komunikazzjonijiet kienu intizi bla pregudizzju sabiex iwasslu lill-partijiet għal ftehim bonarju, barra l-qorti u konsegwentement il-qorti qiegħda tilqa' ukoll is-seba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

»Illi għal finijiet ta' kjarezza wkoll, b'referenza għar-rikors intavolat mis-soċjetà konvenuta nhar is-7 ta' Frar 2012 u li permezz tiegħu din il-qorti ġiet mitluba tawtorizza l-preżentata ta' deċiżjoni tal-Qorti Ewropea, il-qorti laqgħet it-talba u tiddikjara li ħadet konjizzjoni tal-istess deċiżjoni fis-sentenza preżenti.«

10. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Mejju 2012 li għalih il-konvenuta wieġbet fil-31 ta' Mejju 2012.

11. L-ewwel aggravju tal-atturi huwa illi l-ewwel qorti qatgħet il-kawża fuq argumenti – "il-prinċipju tal-*freedom to provide services* u l-kunċett ta' *territorial exclusivity*" – li ma tqanqlux waqt is-smigħ tal-kawża, u għalhekk is-sentenza "mhix ibbażata fuq l-eċċezzjonijiet" tal-konvenuta. Igħidu illi l-ewwel qorti ma setgħetx "tqajjem dawn il-prinċipji *ex officio*", u, ukoll li kieku setgħet, kien imissha tat lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu fuq dawn l-argumenti. Komplew fissru l-aggravju hekk:

»Jirriżulta illi s-sentenza tal-Qorti Ewropeja [*Karen Murphy v. Media Protection Services Limited*] ngħatat fl-4 ta' Ottubru 2011, u proprju wara li l-partijiet fil-kawża kienu għalqu l-provi taghhom, għamlu s-sottomissjonijiet rilevanti u l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza. Jidher li din is-sentenza nġiebet għall-attenzjoni tal-ewwel qorti mill-parti l-oħra, permezz ta' rikors u nota ppreżentati fis-7 ta Frar 2012. Mhux qed jiġi sottomess li kien ħażin li sar hekk. Li kien żbaljat li dan inżamm mistur mis-soċjetajiet appellanti u, agħar minn hekk, li l-ewwel qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza fuq punti li qatt ma tqajjmu, mingħajr ma tat lill-partijiet il-possibilità li jittrattaw dawn il-punti kemm b'argumenti u kif ukoll bi provi. Dan hu, bir-rispett, nuqqas serju f'kif tmexxiet il-kawża mill-ewwel qorti u li, waħdu, jitlob li s-sentenza titwarrab.«

12. Imbagħad jiċċitaw sentenzi li jgħidu li mhux korrett illi parti titħalla toħroġ "b'linja difensjonali ġdida" wara li jkun ingħalaq il-ġbir tax-xiehda[5] u jkomplu hekk:

»Is-soċjetajiet appellanti jirrilevaw bir-rispett illi l-argumenti tal-prinċipju tal-*freedom to provide services*" u l-esklussività territorjali tressqu b'mod indirett, u in effett bħala eċċezzjonijiet ġodda, mis-soċjetà appellata quddiem l-ewwel qorti meta din ippreżentat (mingħajr ebda notifika), permezz ta' nota, is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-4 ta' Ottubru 2011. Fl-ebda stadju s-soċjetà appellata ma talbet li żżid dawn l-eċċezzjonijiet u għaldaqstant huwa ta' preġudizzju kbir għas-soċjetajiet appellanti li tali eċċezzjonijiet/difiżi kienu infilzati fi stadju hekk tardiv, b'mod moħbi, u mingħajr smigh, aħseb u ara smigħ xieraq.«

13. Igħidu wkoll illi l-eċċezzjoni ma hijiex waħda ta' ordni pubbliku u għalhekk ma setgħetx titqajjem *ex officio*, u jagħalqu l-argument hekk:

»Għaldaqstant is-sentenza tal-ewwel qorti f'dan ir-rigward għandha titħassar u l-atti jiġu rinvijati lura quddiem l-ewwel qorti sabiex il-kwistjoni tiġi kkunsidrata biss fil-parametri tal-eċċezzjonijiet li għamlet is-soċjetà appellata fir-risposta ġuramentata tagħha u (jekk din il-qorti tikkunsidra li l-punti l-ġodda setgħu jitqajjmu *ex officio*) fil-parametri tal-punti l-ġodda.«

14. Il-konvenuta wieġbet hekk:

»Illi qabel xejn is-soċjetajiet appellanti m'għandhomx għaliex jissor-prendu ruħhom bil-fatt li s-sentenza appellata għamlet referenza għal dawn iż-żewġ prinċipji, li wara kollox huma minsuġa fil-liġi domestika u f'dik Ewropea, meta kienu huma stess li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ipprezentata fis-6 ta' Ġunju 2011 għamlu referenza ampja

[5] Ara *e.g.* Vincent Camilleri *et v.* Gaetana Aquilina, App. 16 ta' Marzu 2004.

kemm għall-prinċipju tal-libertà fil-provvista tas-servizzi u għall-prinċipju tat-territorjalità esklussiva u qanqlu numru ta' argumenti sabiex juru kemm dawn il-prinċipji, skond huma, m'għandhomx japplikaw għall-każ odjern. Ċertament għalhekk ma tgħoddx l-asserzjoni ta' element ta' sorpriża fid-deċiżjoni mogħtija jew inkella nuqqas fil-proċedura użata mill-ewwel qorti.

»Illi fieragħ ukoll huwa l-ilment imqajjem mis-soċjetajiet appellanti li l-ewwel qorti għamlet referenza għas-sentenza (meqjusa bħala "*landmark*") mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-ismijiet *Football Association Premier League Limited v, QC Leisure* u Karen Murphy *et*, meta kienu l-istess soċjetajiet appellanti stess li għamlu referenza għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali li ippreċediet is-sentenza finali fl-istess kawża, dana fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom … … ….

»Illi kienu għalhekk mhux biss ben konsapevoli s-soċjetajiet appellanti dwar il-prinċipji fuq imsemmija, tant li għamlu sottomissjonijiet dwar-hom, iżda anke dwar il-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ewropea, tant li rriferew għaliha fis-sottomissjonijiet tagħhom qabel ġiet rnogħtija s-sentenza appellata. Lanqas kien hemm xejn ħażin, skorrett jew sleali li din il-parti tagħmel referenza għas-sentenza definittiva tal-Qorti Ewropea f'ċirkostanzi fejn is-soċjetajiet appellanti għamlu referenza għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom u għal xejn inqas minn ħamsin sentenza oħra mogħtija mill-Qorti Ewropea. Kien imbagħad, fl-umli fehma tal-esponenti, ikun nuqqas da parti tal-avukati bħala uffiċjali tal-qorti li jkunu konsapevoli ta' sentenza definittiva li tkun ingħatat, issemmiet biss meta kienet għadha fi stadju bikri tagħha (f'dan il-każ mis-soċjetajiet appellanti stess fil-proċeduri għaliex f'dak l-istadju ma kienx hemm deċiżjoni finali) u ma jġibux dan a konjizzjoni tal-qorti, u dan jemani indirettament minn regola numru 1 tal-Kapitolu 1 tal-Parti IV tal-Kodiċi tal-Etika tal-Avukati li jistipula li "*Advocates who act in litigation, whilst under a duty to do their best for their client, must never deceive or mislead the court*".

»Illi ulterjorment jiġi sottomess bir-rispett illi kienet għaqlija l-ewwel qorti li ħadet konjizzjoni tas-sentenza definittiva mogħtija mill-Qorti Ewropea li proprju tirrigwarda l-istess mertu ta' din il-kawża. Fl-eżami tagħha tal-kwistjoni l-ewwel qorti ma tistrieħx biss fuq sentenzi deċiżi li kull parti jogħġobha tirreferilha iżda għandha d-diskrezzjoni li tmur *oltre* minn hekk fl-amministrazzjoni minnha tal-ġustizzja sostantiva. *Inoltre*, fi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tal-liġi Ewropea hija l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li għandha l-ogħla awtorità sabiex tassigura applikazzjoni uniformi tal-istess norma fil-membri stati kollha u dak huwa li għamlet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata meta kien hemm prinċipji ewropej in meritu.«

15. Il-qorti tosserva, qabel xejn, illi ma huwiex korrett dak li jgħidu l-atturi illi ċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom ma kinitx imsejsa fuq eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti, jew fuq xi eċċezzjoni li tressqet "indiretta-ment" jew "fi stadju … tardiv" jew b'mod mhux konformi mal-liġi tal-

proċedura. Effettivament l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għax laqgħet it-tielet eċċezzjoni – li t-talbiet "huma infondati fil-fatt u fid-dritt" – meta sabet illi l-atturi ma kellhomx id-drittijiet minnhom vantati.

16. Wara kollox, ukoll fin-nuqqas ta' eċċezzjoni, imiss lill-parti attriċi li tagħmel il-prova tal-premessi tat-talbiet tagħha: fil-każ tallum illi l-atturi għandhom id-drittijiet minnhom vantati u illi l-konvenuta kisret dawk id-drittijiet. Il-kawża nqatgħet fuq konsiderazzjonijiet legali, *viz.* li l-atturi ma għandhomx id-drittijiet minnhom vantati u, billi *iura novit curia*, il-qorti hija marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet.

17. L-atturi jgħidu iżda illi, partikolarment fid-dawl ta' kif seħħew l-affarijiet fil-każ tallum, kien ikun xieraq illi l-ewwel qorti tagħti lill-partijiet opportunità li jinstemgħu fuq żviluppi ġodda li seħħew wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza. Is-sentenza tal-ewwel qorti hija msejsa, tista' tgħid għal kollox, fuq sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każijiet maqgħuda ta' <u>*QC Leisure*</u> u <u>Karen Murphy</u>[6] li nqatgħet wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza u li nġiebet għall-attenzjoni tal-ewwel qorti mill-konvenuta b'rikors li ma ġiex notifikat lill-atturi. Relevanti f'dan il-kuntest huwa l-kumment tal-ewwel qorti fl-aħħar paragrafu ċitat fuq tas-sentenza appellata fejn il-qorti "tiddikjara li ħadet konjizzjoni tal-istess deċiżjoni [tal-Qorti tal-Ġustizzja] fis-sentenza preżenti".

---

6 Kawżi magħquda C-403/08 u C-429/08.

18. Dan huwa minnu, u din il-qorti kienet tasal li taqbel mal-atturi li kieku l-kawża ta' *QC Leisure* u Karen Murphy ma kienet issemmiet xejn waqt is-smigħ quddiem l-ewwel qorti. Meta tqis iżda illi l-atturi stess kienu aċċennaw għall-kawża, għalkemm għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali u mhux għas-sentenza nfisha billi kienet għadha ma ngħatatx f'dak l-istadju, kien tista' tgħid dmir tal-atturi stess illi, bħal ma għamlet il-konvenuta, jiġbdu l-attenzjoni tal-qorti għall-fatt illi s-sentenza ngħatat. Bilkemm ma tasalx biex tgħid din il-qorti illi kien nuqqas ta' korrettezza min-naħa tal-atturi li ma jgħarrfux lill-ewwel qorti bis-sentenza meta kienu għamlu aċċenn għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali fl-istess kawża, u jqum naturali s-suspett illi dan kien għax is-sentenza kienet skomda għat-teżi tagħhom.

19. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ladarba l-atturi kienu jafu jew messhom kienu jafu li ngħatat is-sentenza ta' *QC Leisure* u Karen Murphy, setgħu stennew illi l-ewwel qorti ma kinitx sejra ma tqishiex, u għalhekk kellhom kull fakoltà jitolbu sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jagħmlu l-osservazzjinijiet dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-għaqal hekk kien jitlob.

20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju huwa miċħud.

21. It-tieni aggravju jolqot il-meritu u l-konsiderazzjoni ewlenija tal-ewwel qorti, *viz.* illi ma hemmx dritt tal-awtur fuq logħob tal-ballun. L-aggravju ġie mfisser hekk:

»… … … il-każ odjern huwa msejjes fuq il-mistoqsija krućjali dwar jekk il-*Premier League* għandhiex drittijiet tal-awtur fuq il-*footage* u dwar jekk l-aġir tas-soċjetà appellata permezz ta' bejgħ ta' sistemi li jagħtu aċċess għal dan il-*footage* seħħx mingħajr il-kunsens jew l-awtorizazzjoni tal-awtur *Premier League*, u għaldaqstant kiser id-drittijiet tal-istess.

»Fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti sabet illi mill-provi eżebiti mis-soċjetajiet appellanti l-*Premier League* hija l-unika proprjetarja tal-*footage* u li, abbażi ta' dan id-dritt, hija għandha d-dritt li tawtorizza diversi entitajiet madwar id-dinja sabiex jixxandar il-*footage* bit-termini u l-kundizzjonijiet li l-*Premier League* tistipula permezz tal-liċenzji lil soċjetajiet madwar id-dinja bħal ma kienet il-*Melita* fit-territorju Malta.

»Abbażi ta' dawn il-provi, kif ukoll abbażi tal-fatt li s-soċjetà appellata ma ġabet l-ebda prova sabiex tirribatti dan il-premess, l-ewwel qorti ċahdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata.

»Madankollu, l-intiża tal-ewwel qorti dwar id-dritt tal-awtur tal-*Premier League* f'din is-sentenza mhijiex ċara għall-aħħar; kif jidher hawn fuq, il-qorti fl-ewwel lok donnha tgħaddi sabiex tirrikonoxxi d-dritt tal-awtur tal-*Premier League* fuq il-*footage* li jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati mentri, aktar tard fis-sentenza, il-qorti tiċħad dan l-istess dritt tal-awtur tal-*Premier League*.

»Il-qorti, qabel ma kkunsidrat il-ksur tad-drittijiet tal-awtur, reggħet għaddiet sabiex teżamina d-dritt tal-awtur tal-*Premier League* u, b'referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea, qalet is-segwenti:

> »"Illi il-qorti tagħmel referenza wkoll għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni] Ewropea fl-ismijiet <u>*Football Association Premier League Limited v. QC Leisure*</u> u <u>*Karen Murphy v. Media Protection Services Limited*</u> fejn f'każ simili l-qorti ddikjarat li "*FAPL cannot hold copyrights in the live football matches since they cannot be classified as works. … To be so classified, the subject-matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation … However, sporting events cannot be regarded as "intellectual creations", and football matches … which are subject to rules of the game, leave "no room for creative freedom*".
>
> »"Illi għalhekk, *ai termini* tal-istess deċiżjoni tal-qorti tal-Ġustizzja Ewropea fl-ismijiet imsemmija aktar 'il fuq, il-qorti taqta' u tiddeċiedi li, ġaladarba s-soċjetà attriċi *FAPL* m'għandhiex drittijiet tal-awtur, hija qatt ma setgħet sofriet xi ksur ta' xi allegati drittijiet u għalhekk il-qorti ma tħossx li hu opportun li tidħol fil-kwistjoni tal-allegat ksur."

»Is-soċjetajiet appellanti naturalment u umilment jirrikonoxxu s-sentenza tal-Qorti Ewropeja. Il-punt hu, però, li d-deċiżjoni ta' dik il-qorti tgħid li hu biss fir-rigward ta' *footage* tal-partita tal-futbol li hemm jew jista' jkun hemm nuqqas tal-element ta' kreattività meta dan jixxandar; element li huwa kunċett bażiljari u essenzjali sabiex id-dritt tal-awtur jissussisti f'xogħol kreattiv.

»Madankollu, il-kunċett tal-allegat nuqqas ta' drittijiet tal-awtur fuq il-*footage* huwa erronjament interpretat u applikat *across the board* fis-sentenza tal-ewwel qorti għall-*copyrights* fuq l-elementi kollha li hemm fil-*footage* tal-*Premier League*. Din l-interpretazzjont ma tikkumbaċjax ma' dak li sabet il-Qorti Ewropeja, liema qorti sabet illi effettivament il-

*Premier League* kellha drittijiet tal-awtur fuq numru ta' elementi fil-*footage*.

»B'parentesi, is-soċjetajiet appellanti ser igħaddu sabiex, fil-qosor, jis-sottomettu f'xiex jikkonsisti l-*footage* tal-*Premier League* u kif jinħadem dan il-*footage*. Il-binja ta' dan il-*footage* ġie spjegat ampjament ċar mix-xhud Oliver Weingarten fl-*affidavit* tiegħu fir-rikors promotur fejn qal is-segwenti:

> »"Each match is filmed in the United Kingdom by either the British Broadcasting Corporotion (the "*BBC*") or British Sky Broodcasting ("*BSkyB*"). Under clause 2.7 of the written licence agreements between (i) the Premier League and *BBC* and (ii) the Premier Leogue and *BSkyB* film copyright in the footage of live matches is assigned to Premier Leogue, by way of an assignment of future copyright pursuant to section 97 of the UK Copyright, Designs and Patents Act 1988.
>
> »"The pictures and sound, without added graphics or commentary, are contemporaneously transmitted from the venue by underground fibre optic cable in a secure closed system, via the BT Tower in London, to the premises of *IMG Media Limited* ("*IMG*") in Chiswick, where graphics and English commentory are added to form a feed suitable for international customers, such as *Melita* (the "World Feed"). The World Feed is thereafter compressed and encrypted and uplinked from the United Kingdom to the *Eutelsat*, *lntelsat* and *Panamsat* satellites. Pursuont to clause 3.7 of a written licence agreement between the Premier League and *IMG* all copyrights in the Wortd Feed are assigned to the Premier League, by way of an assignment of future copyright pursuant to section 91 of the UK Copyright, Designs and Patents Act, 1988."

»Il-ftehim ippreżentati quddiem l-ewwel qorti jagħtu spjegazzjoni aktar dettaljata dwar l-elementi tal-*footage* tal-*Premier League*.

»L-estratt mill-kuntratt ta' nhar il-5 ta' Novembru 2003 bejn il-*Premier League* u l-*BBC* u ukoll l-estratt mill-ftehim bejn *Premier League* u *BSkyB* ta' nhar il-11 ta' Ġunju 2004, illi huma essenzjalment identiċi wieħed għall-ieħor, juru d-definizzjoni ta' *Licencee Footoge* bħala:

> »"Licencee Footcge means all material. pictures, signals. programme feeds and footage of Highlights Matches (including all associated soundtracks other than commentory, music and commercial sound recordings) which may be filmed, recorded or produced by or on behalf of the Licensee during the Term and in accordance with this Agreement."

»L-estratt mill-ftehim iffirmat bejn il-*Premier League* u t-*TWI (UK) Limited* (*TWI*) ta' nhar it-18 ta' Awissu 2004 ippreżentat ukoll mal-*affidavit* ta' Oliver Weingarten) juri li l-frażi "*World Feed*" tfisser:

> »"a fully produced, live and continuous feed of each Match during each seoson during the Term, complete with FAPL Graphics, FAPL Music and Live Commentary mode available to and suitable for transmission by FAPL Licencees within their Territories."

»Il-kuntratt in kwistioni jkopri l-perjodu bejn l-1 t'Awissu 2004 sal-aħħar ta' Mejju 2007 jew l-aħħar ġurnata tal-istaġun 2006/2007, jekk din taħbat aktar tard mill-aħħar ġurnata f'Mejju 2007.

»Allura, dak li jirriżulta minn din l-evidenza huwa li l-*footage* tal-*Premier League* jikkonsisti minn aktar minn sempliċi trasmissjoni ta' logħba tal-futbol u jidher ukoll l-element kreattiv fil-produzzjoni tal-*footage* kif ukoll fl-elementi bħal *video sequences*, mużika, kummentajru, u grafika fuq liema l-*Premier League* ingħatat id-drittijiet tal-awtur meta dawn ġew assenjati lilha permezz tal-ftehim tal-5 ta' Novembru 2003 bejn il-*Premier League* u l-*BBC*, il-ftehim bejn *Premier League* u *BSkyB* tal-11 ta' Ġunju 2004, kif ukoll il-ftehim bejn *Premier League* u t-*TWI* tat-18 t'Awissu 2004.

Dawn ix-xogħlijiet tal-*Premier League* ġew deskritti fid-dettall fis-sentenza ta' Lord Justice Kitchen fl-ismijiet *Football Association Premier League et v. QC Leisure et* (2008) EWHC 1411 (Ch), liema qorti kellha quddiema fatti u merti simili għal-każ odjern u liema qorti kienet għamlet referenza lil Qorti Ewropea b'mistoqsijiet li ġew deċiżi fl-4 ta' Ottubru 2011 permezz tad-deċiżjoni numru C-403/08 u C-429/08. Fil-paragrafi preliminari tas-sentenza tal-qorti Ingliża, ix-xogħlijiet tal-*Premier League* jiġu deskritti b'dan il-mod:

»"The World Feed

»"*IMG* carries out the Premier League's international production function on its behalf. The Clean Live Feed is carried (via BT Tower) by private fibre optic cables to mediahouse, IMG's technical facility in Chiswick. Here, *IMG's* production team (which comprises both *IMG* employees and freelancers contracted to *IMG*) adds graphics, music, additional video sequences and commentary (either sent from the ground or produced at mediahouse), to create the World Feed. The video sequences of particular significance in the context of this case are the following:

»"i) The Opening Sequence Film

»"The World Feed commences with an introduction or opening sequence ("the Opening Sequence Film"), which is a pre-recorded video sequence of football action, graphics (the "Opening Sequence Graphics Film") and stills of certain players. The graphics include the Premier League logos (the "Logos"). The football action shots are derived from recently recorded footage of previous matches including the Match Films, recordings of the Clean Live Feed (the "Clean Live Feed Film") and World Feed (the "World Feed Film") and films made by *IMG* employees or freelancers who attend matches and record footage such as pre-match crowd buitd up and interviews with players ("*IMG* Match Films"). The Opening Sequence Film is accompanied by the Premier League anthem ("the Anthem").

»"ii) The Match Highlights Film

»"During half time and at full time, the World Feed includes highlights of the match. These are created by *IMG* by selecting images from the Clean Live Feed Film and recording them onto a hard disc in a particular order to make the "Match Highlights Films". These films may be accompanied by the Anthem.

»"iii) Previous Highlights, Next Match Preview and Special Feature Films

»"Before the start of the match, the World Feed includes pre-recorded films showing highlights of the last Premier League matches played by the teams in the current match (the "Previous

Highlights Films") and which may again be accompanied by the Anthem. At half time, there is a recorded preview of the teams' next Premier League matches (the "Next Match Preview Film") and a special feature comprising a "test your knowledge" quiz or telling a story of a particular player, manager or incident (the "Special Feature Film").

»"iv) On Screen Graphics Films

»"At various points before and during the match, moving graphics are included in the World Feed. These include the Team Bar, the Previous Performance Bar and the Yellow Card Bar. They are recorded digitally in a form from which a moving image may be reproduced.

»"The World Feed produced by *IMG* is compressed and encrypted and uplinked from the UK to the *Eutelsat* (for Europe), *Intelsat* (for Asia) and *Panamsat* (for the Americas) satellites. Foreign broadcasters who have been directly or indirectly licensed by the Premier League are then able to receive the World Feed on payment of a charge, and transmit it to their own subscribers in their assigned territories."

»Dwar ix-xogħlijiet fil-*footage* tal-*Premier League*, is-sentenza tal-Qorti Ewopea tgħid is-segwenti:

»"36 As part of its activities, FAPL is also responsible for organising the filming of Premier League matches and transmission of the signal to the broadcasters that have the rigħts for those matches.

»"37 For this purpose, the images and ambient sound captured at the match are transmitted to a production facility which adds logos. video sequences on-screen graphics. music and English commentary.

»"38 The signal is sent, by satellite, to a broadcaster which adds its own logo and possibly some commentary. The signal is then compressed and encrypted, and then transmitted by satellite to subscribers, who receive the signal using a satellite dish. The signal is, finally, decrypted and decompressed in a satellite decoder which requires a decoding device such as a decoder card for operation."

»Stabbiliti x'inhuma l-varji elementi li jikkostitwixxu l-*footage*, fil-paragrafi li ser imiss is-soċjetajiet appellanti ser jispjegaw l-applik-azzjoni tal-insenjamenti tal-Qorti Ewropea għall-każ odjern.

»L-insenjament tal-Qorti Ewropeja dwar drittijiet tal-*Premier League*

»Bil-kontra ta' dak li sabet l-ewwel qorti, il-Qorti Ewropea irrikonoxxiet illi *sporting events* għandhom karattru uniku fis-suq u li għandu jkun hemm xi forma ta' protezzjoni għal dawn ix-xogħlijiet:

»"Sporting events, as such, have a unique and, to that extent, original character which can transform them into subject-matter that is worthy of protection comparable to the protection of works, and that protection can be granted, where appropriate, by the various domestic legal orders.

»"In this regard, it is to be noted that, under the second subparagraph of Article 165(1) TFEU, the European Union is to contribute to the promotion of European sporting issues, while

taking account of the specific nature of sport, its structures based on voluntary activity and its social and educational function.

»"Accordingly, it is permissible for a Member State to protect sporting events, where appropriate by virtue of protection of intellectual property, by putting in place specific national legislation, or by recognising, in compliance with European Union law, protection conferred upon those events by agreements concluded between the persons having the right to make the audiovisual content of the events available to the public and the persons who wish to broadcast that content to the public of their choice."

5.15 Il-Qorti Ewropeja tissokta tgħid f'paragrafi sussegwenti tas-sentenza tagħha illi l-*Premier League* għandha d-drittijiet tal-awtur fuq elementi tal-*footage* tagħha u li dawn huma indikati fis-segwenti paragrafu:

»"First, authors can rely on the copyright which attaches to the works exploited within the framework of those broadcasts. In the main proceedings, it is common ground that FAPL can assert copyright in various works contained in the broadcasts, that is to say, in particular, the opening video sequence, the Premier League anthem, pre-recorded films showing highlights of recent Premier League matches, or various graphics."

»Għaldaqstant is-soċjetà *Premier League* tissottometti umilment li abbażi tal-insenjament tal-Qorti Ewropea, u kif jidher mill-provi tas-soċjetajiet appellanti miġjuba quddiem l-ewwel qorti, il-*footage* tal-*Premier League* kien jikkonsisti f'elementi oħrajn ta' mużika, *video sequences*, kummentajru, u grafika fuq liema xogħlijiet l-*Premier League* kienet assenjata d-drittijiet tal-awtur.

»Dawn ix-xogħlijiet mhumiex sempliċiment riproduzzjoni, bħal ma hi l-logħba tal-futbol, iżda xogħol bħal l-innu tal-*Premier League*, il-grafika użata, *video sequences*, il-kummentarju fuq il-logħba, il-mużika, eċċetra, huma elementi importanti li jikkumplementaw il-logħba li tkun qed tixxandar jirrikjedu elementi u huma ta' kwalità oriġinali.

»Allura dawn huma xogħlijiet li jinqabdu mill-lista ta' xogħljiet fl-artikolu 3 tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, li jkopru: (a) xogħlijiet artistiċi; (b) xogħlijiet awdjoviżivi; (ċ) *databases*; (d) xogħlijiet letterarji; (e) xogħlijiet mużikali, u għaldaqstant kienet żbaljata l-konklużjoni tal-ewwel qorti fejn sabet illi l-*Premier League* ma kellhiex drittijiet tal-awtur fuq il-*footage*. Dan jirriżulta anke minn qari tas-sentenza tal-Qorti Ewropea kif spjegat minn fejn jirriżulta d-dritt tal-awtur fuq elementi ta' *footage* bħal ma huma *video sequences*, mużika, kummentajru, u grafika.

»Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-ewwel qorti għandha tiġi mħassra u din l-onorabli qorti tiddikjara illi hemm drittijiet tal-awtur fuq il-*footage* tal-*Premier League* u b'konsegwenza ta' dan din l-onorabbli qorti tirrinvija l-atti lura lil ewwel qorti sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm ksur ta' dan id-dritt u konsegwentement danni dovuti lis-soċjetajiet appellanti.«

22. Għal dan it-tieni aggravju l-konvenuta wieġbet hekk:

»Illi qabel xejn ji[i puntwalizzat illi l-i*smartcards* huma maħruġa minn [*FAPL*] stess, awtorizzati minnha stess, u mqiegħda fuq is-suq minnha stess jew minn persuni minnha awtorizzati. L-akkwist ta' dawn il-*cards* ġenwini, li diġà ġew imqiegħda fuq is-suq ewropew, huwa akkwist leġittimu – xempju ħaj tal-eżercizzju tad-drittijiet tal-akkwirenti (mħadd-na mill-Unjoni Ewropea) kontenuti fil-libertà fundamentali li wieħed jirċievi u jingħata servizz, ir-restrizzjoni ta' liem huwa projbit. Fil-fatt dan huwa li kkonkludiet il-Qorti Ewropea fis-sentenza tagħha meta rriteniet illi:-

> "'illicit device' within the meaning of Article 2(e) of the Conditional Access Directive must be interpreted as not covering foreign decoding procured or enabled by the provision of a false name and address or foreign decoding devices which have neen used in breach of a contractual limitation permitting their use only for private purposes."

»Jirriżulta ampjament in rigward li l-bejgħ u x-xiri tal-imsemmija *smartcards* mhuwiex att illeċitu ghaliex huma *smartcards* awtentiċi, rilaxxati minn [*FAPL*] stess. Jirriżulta *inoltre* mid-dokumenti esebiti bħala dokument BG3 li huma *printouts* ta' siti fuq l-*internet* li minnhom qegħdin jiġu offerti għall-bejgħ il-*cards* in kwistjoni kif ukoll minn liem jistgħu faċilment jinxtraw l-istess *cards* mill-pajjiżi kollha inkluż Malta mingħajr ebda xkiel. F'dan ir-rigward ma jistax jirriżulta ksur ta' drittijiet tax-xandar oriġinali fuq *smartcards* mibjugħa in kwantu d-drittijiet tiegħu (f'dan il-każ [*FAPL*]) jitħallsu awtomatikament meta l-i*smartcard* tiġi akkwistata u titħallas għaliex l-aċċess għas-servizzi jiġi awtortzzat mix-xandâr innifsu u mhux mill-fornitur tal-i*smartcard*. Difatti qabel ma x-xandâr jagħti tali awtorizazzjoni, l-i*smartcards* ma jkunux funzjon-abbli għaliex ikunu *encrypted*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, la jirriżulta ksur u lanqas tista' [*FAPL*] tippretendi li jkollha dritt ta' kumpens.

»Illi f'dan l-aggravju s-soċjetajiet appellanti jeżaminaw il-konklużjoni tas-sentenza tal-Qorti Ewropea fid-dettall, iżda, qabel, l-esponenti ser tgħaddi biex teżamina l-każ mill-ottika tad-dritt Malti li kien il-bażi tal-azzjoni tas-soċjetajiet appellanti. Huwa evidenti mir-rikors ġuramentat li, għalkemm vag, huwa indirizzat lejn leżjoni tad-drittijiet tal-awtur *tramite* xandir taħt l-artikolu 7(1)(*f*) [tal-Kap. 415].

»Illi fir-rigward jiġi sottomess bir-rispett li l-forrnituri ta' *cards* ma jkunux ixandru logħob tal-*football* iżda jipprovdu *equipment* illi jagħti aċċess għall-programmi – però m'humiex xandâra. Fir-rigward jiġi puntwal-izzat illi l-artikolu 7(1)(*f*) tal-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li d-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv jikkonsisti fid-dritt li

> »"jawtorizza jew jipproibixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totolità tiegħu iew f'parti sostanziali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:
>
> »… … …
>
> »"(*f*) ix-xandir jew ix-xandir mill-ġdid jew it-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil;"

»Xandir huwa definit fl-Att bħala "it-trasmissjoni b'mezzi mingħajr fili għar-riċezzjoni pubblika ta' ħsejjes jew ta' xbihat u ħsejjes jew tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, inkluż it-trasmissjoni bis-satellita. Xandir ma tinkludix "xandir mill-ġdid". Xandir mill-ġdid tfisser "xandir

simultanju minn organizzazzjoni tax-xandir waħda tax-xandira ta' organizzazzjoni tax-xandir oħra li ma tkunx taħt il-kontroll tagħha, sew jekk din tkun tinsab Malta jew barra minn Malta, u 'ixxandar mill-ġdid' għandha tiftehem skond hekk". "Ritrasmissjoni bil-*cable"* tfisser ir-ritrasmissjoni simultanja, mhux mittiefsa u mhux imqassra, bil-*cable* jew permezz ta' kull trasportatur materjali ieħor għar-reċezzjoni mill-pubbliku ta' trasmissjoni inizjali bil-fili jew fl-arja, inkluża dik li ssir bis-satellita, ta' programmi televiżivi jew tar-radju li jkunu intiżi għar-reċezzjoni mill-pubbliku, minn ġewwa Malta jew minn xi stat li fih id-dritt esklużiv biex tiġi awtorizzata dik ir-ritrasmissjoni bil-*cable* ta' xogħlijiet eliġibbli għal drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra relatati jkun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih;

»Illi mill-provi prodotti mill-atturi fl-atti ta' din il-kawża, ċertament ma jirriżultax ksur tad-drittijiet tal-awtur a bażi ta' xandir, ritrasmissjoni tal-logħob bil-*cable* jew b'mezzi oħra;

»Illi lanqas jirrizulta li jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet tal-awturi a bażi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 7 u dana peress li *ai termini* ta' artikolu 2 tal-imsemmi Att:

> »"'komunikazzjoni lill-pubbliku' tfisser it-trasmissjoni ta' xogħol jew funzjonament jew reġistrazzjoni ta' smigħ bil-fili jew mingħajr fili lill-pubbliku u għall-iskop tal-artikolu 7 tinkludi li tagħmel dak ix-xogħol disponibbli għall-pubbliku b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jista' jkollhom aċċess għax-xogħol minn lok u f'ħin li jiġi individwalment magħżul minnhom."

»Però l-liġi tkompli tgħid li iżda l-provdiment sempliċi ta' faċilitajiet fiżiċi sabiex tkun tista' ssir jew għal għemil ta' komunikazzjoni ma tam-montax fiha nnifisha għal att ta' komunikazzioni lill-pubbliku.

»Illi għar-rigward tal-artikolu 7(1)(*ċ*) tal-Kapitolu 415, jingħad bir-rispett moqri id f'id mal-artikolu 8 tal-istess Kapitolu, jistipula meta jintemmu d-drittijiet ta' distribuzzjoni appartenenti lill-awtur. *Ai termini* ta' dan l-artikolu:

> »"(1) L-ewwel bejgħ jew trasferiment ieħor ta' proprjetà fis-suq tax-xogħol oriġinali li jgawdi d-drittijiet tal-awtur jew kopji tiegħu, meta dak il-bejgħ isir minn jew bil-kunsens tas-sid tad-drittijiet tal-awtur innifsu, għandu jtemm id-dritt ta' distribuzzjoni esklużiva dwar dak ix-xogħol jew il-kopja tiegħu.
>
> »"(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu 'suq' tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004 l-Unjoni Ewropea."

»B'effett tal-artikolu 8 tal-Avviż Legali Numru 197 tas-sena 2004, is-suq għall-finijiet tat-terminazzjoni tad-drittijiet tad-distribuzzjoni tal-awtur huwa s-suq kopert bl-*EEA Agreement* iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992, kif aġġustat bil-Protokoll iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Marzu 1993, u kif sussegwentement emendat.

»Fid-dawl ta' dan, għab-bażi tal-artikolu 7(1)(*ċ*) kellu jiġi ppruvat li l-i*smartcards* in kwistjoni ma kinux għadhom tqiegħdu fis-suq kopert bl-*EEA Agreement* għall-ewwel darba, fatt li bl-ebda mod ma ġie pruvat, iżda anzi irriżulta li dawn l-i*smartcards* kienu liberament akkwistabbli mis-suq Ewropew.

»Illi l-esponenti ser tgħaddi biex tqis issa il-konklużjonijiet kontenuti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea u kif l-istess ġew interpretati fil-korp tar-rikors tal-appell. L-esponenti tirrimarka, kif mistenni, li s-soċjetatjiet

appellanti siltu b'passatur fin fin dawk il-paragrafi mis-sentenza li jistgħu jitfgħu xaqq dawl fuq it-teżi tagħhom; kif wieħed jista' jinnota però kienu veru ftit dawk il-paragrafi li setgħu jaġevolawhom. Lanqas però dawn il-paragrafi minnhom ċitati m'huma ta' sostenn għaliex huma partijiet mill-argumenti li kienet qed tagħmel il-qorti u għalhekk għandhom jittieħdu fil-kuntest tagħhom.

»Illi fir-rigward jingħad l-Qorti Ewropea kienet ċara meta kategorikament, bla tlaqliq, iddeċidiet illi:-

> »"96 FAPL cannot claim copyright in the Premier League matches themselves, as they cannot be classified as works.
>
> »"97 To be so classified, the subject-matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation (see, to this effect, Case C-5/08 *Infopaq International* [2009] ECR I-6569, paragraph 37).
>
> »"98 However, sporting events cannot be regarded as intellectual creations classifiable as works within the meaning of the Copyright Directive. That applies in particular to football matches, which are subject to rules of the game, leaving no room for creative freedom for the purposes of copyright.
>
> »"99 Accordingly, those events cannot be protected under copyright. It is, moreover, undisputed that European Union law does not protect them on any other basis in the field of intellectual property.
>
> »"100 None the less, sporting events, as such, have a unique and, to that extent, original character which can transform them into subject-matter that is worthy of protection comparable to the protection of works, and that protection can be granted, where appropriate, by the various domestic legal orders.
>
> »"101 In this regard, it is to be noted that, under the second subparagraph of Article 165(1) TFEU, the European Union is to contribute to the promotion of European sporting issues, while taking account of the specific nature of sport, its structures based on voluntary activity and its social and educational function.
>
> »"102 Accordingly, it is permissible for a Member State to protect sporting events, where appropriate by virtue of protection of intellectual property, by putting in place specific national legislation, or by recognising, in compliance with European Union law, protection conferred upon those events by agreements concluded between the persons having the right to make the audiovisual content of the events available to the public and the persons who wish to broadcast that content to the public of their choice.
>
> »"103 It should be added that the European Union legislature has envisaged exercise of that power by a Member State inasmuch as it refers, in recital 21 in the preamble to Directive 97/36, to events organised by an organiser who is legally entitled to sell the rights pertaining to that event.
>
> »"104 Therefore, if the national legislation concerned is designed to confer protection on sporting events – a matter which it is for the referring court to establish – European Union law does not preclude, in principle, that protection and such legislation is thus

> capable of justifying a restriction on the free movement of services such as that at issue in the main proceedings.

»Illi fuq dawn l-aħħar paragrafi li s-soċjetajiet appellanti jistrieħu fir-rikors tal-appell tagħhom. Dawn il-paragrafi jippermettu l-istati membri li jipprovdu għal protezzjoni dwar attivitajiet sportivi fejn huwa meħtieġ li jiġu protetti d-drittijiet tal-awtur, billi jadottaw leġislazzjoni speċifika fil-liġi domestika jew jirrikonoxxu liċenzjar tad-drittijiet tal-awtur. Mingħajr preġudizzju għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel, sabiex is-soċjetajiet appellanti jkunu f'posizzjoni li jistrieħu fuq din l-eċċezzjoni, kellhom iressqu prova li s-soċjetà appellata, apparti li kienet tbigħ l-is*mart-cards*, kienet tippermetti l-aċċessibilità għal dawk l-elementi li skond is-soċjetajiet appellanti huma suġġetti għal protezzjoni u mhux, kif jista' jiġri, li jkun hemm xandir ta' *clean feeds* tal-logħob u *cioè* mingħajr l-elementi msemmija.

»Illi *inoltre* u għab-bażi ta' dak li ġie sottomess aktar qabel, dawn l-elementi jistgħu jkunu soġġett għal protezzjoni f'każ biss li jissussistu wieħed jew aktar mill-paragrafi tal-artikolu 7 tal-Kap. 415. Il-Qorti Ewropea daħlet f'dan l-aspett għaliex il-fatti tal-każ kienu jirrigwardaw sid ta' *pub* li kienet tippermetti l-klienti tal-ħanut tagħha li jaraw il-logħob fuq *television screens* u *speakers* fil-ħanut. Huwa f'posizzjoni ben differenti fornitur tal-is*martcard* li la qieghed ixandar u lanqas jikkomunika lill-pubbliku l-logħob tal-[*FAPL*].

»Illi f'kull każ però din il-kwistjoni wkoll giet imxejna wara li l-qorti qieset l-elementi fattwali tal-każ in eżami għaliex għalkemm ikkonċediet li jistgħu jeżistu possibilment tali elementi, ir-restrizzjonijiet imposti bil-liċenzjar li għamlet [*FAPL*] *across the board* fl-Ewropa ma jistgħux jiġu ġustifikati għab-bażi tad-drittijiet tal-awtur f'ċirkostanzi fejn il-ħlas tal-*premium* huwa tali li jispezzetta t-territorju ewropew sabiex jiggarantixxi esklussività territorjali assolutali toħloq diverġenzi artifiċjali fil-prezzijiet u b'hekk swieq nazzjonali minflok suq wieħed:

> »"105 However, it is also necessary that such a restriction does not go beyond what is necessary in order to attain the objective of protecting the intellectual property at issue (see, to this effect, *UTECA*, paragraphs 31 and 36).
>
> »"106 In this regard, it should be pointed out that derogations from the principle of free movement can be allowed only to the extent to which they are justified for the purpose of safeguarding the rights which constitute the specific subject-matter of the intellectual property concerned (see, to this effect, Case C-115/02 *Rioglass and Transremar* [2003] ECR I-12705, paragraph 23 and the case-law cited).
>
> »"107 It is clear from settled case-law that the specific subject-matter of the intellectual property is intended in particular to ensure for the right holders concerned protection of the right to exploit commercially the marketing or the making available of the protected subject-matter, by the grant of licences in return for payment of remuneration (see, to this effect, *Musik-Vertrieb membran and K-tel International*, paragraph 12, and Joined Cases C-92/92 and C-326/92 *Phil Collins and Others* [1993] ECR I-5145, paragraph 20).
>
> »"108 However, the specific subject-matter of the intellectual property does not guarantee the right holders concerned the

opportunity to demand the highest possible remuneration. Consistently with its specific subject-matter, they are ensured – as recital 10 in the preamble to the Copyright Directive and recital 5 in the preamble to the Related Rights Directive envisage – only appropriate remuneration for each use of the protected subject-matter.

»"109 In order to be appropriate, such remuneration must be reasonable in relation to the economic value of the service provided. In particular, it must be reasonable in relation to the actual or potential number of persons who enjoy or wish to enjoy the service (see, by analogy, Case C-61/97 *FDV* [1998] ECR I-5171, paragraph 15, and Case C-52/07 *Kanal 5 and TV 4* [2008] ECR I-9275, paragraphs 36 to 38).

»"110 Thus, with regard to television broadcasting, such remuneration must in particular – as recital 17 in the preamble to the Satellite Broadcasting Directive confirms – be reasonable in relation to parameters of the broadcasts concerned, such as their actual audience, their potential audience and the language version (see, to this effect, Case C-192/04 *Lagardère Active Broadcast* [2005] ECR I-7199, paragraph 51).

»"111 In this context, it is to be noted, first of all, that the right holders at issue in the main proceedings are remunerated for the broadcasting of the protected subject-matter from the Member State of broadcast in which the act of broadcasting is deemed to take place, in accordance with Article 1(2)(b) of the Satellite Broadcasting Directive, and in which the appropriate remuneration is therefore payable.

»"112 Next, when such remuneration is agreed between the right holders concerned and the broadcasters in an auction, there is nothing to prevent the right holder from asking, at that time, for an amount which takes account of the actual audience and the potential audience both in the Member State of broadcast and in any other Member State in which the broadcasts including the protected subject-matter are also received.

»"113 In this regard, it should be borne in mind in particular that reception of a satellite broadcast, such as that at issue in the main proceedings, requires possession of a decoding device. Consequently, it is possible to determine with a very high degree of precision the total number of viewers who form part of the actual and potential audience of the broadcast concerned, hence of the viewers residing within and outside the Member State of broadcast.

»"114 Finally, as regards the premium paid by broadcasters in order to be granted territorial exclusivity, it admittedly cannot be ruled out that the amount of the appropriate remuneration also reflects the particular character of the broadcasts concerned, that is to say, their territorial exclusivity, so that a premium may be paid on that basis.

»"115 None the less, here such a premium is paid to the right holders concerned in order to guarantee absolute territorial exclusivity which is such as to result in artificial price differences between the partitioned national markets. Such partitioning and such an artificial price difference to which it gives rise are irreconcilable with the fundamental aim of the Treaty, which is

> completion of the internal market. In those circumstances, that premium cannot be regarded as forming part of the appropriate remuneration which the right holders concerned must be ensured.
>
> »"116 Consequently, the payment of such a premium goes beyond what is necessary to ensure appropriate remuneration for those right holders.
>
> »"117 Having regard to the foregoing, it is to be concluded that the restriction which consists in the prohibition on using foreign decoding devices cannot be justified in light of the objective of protecting intellectual property rights.

»Ta' importanza huwa l-mod kif il-*High Court* tal-Ingilterra adottat dan l-insenjament tal-Qorti Ewropea għall-każ quddiemha għaliex dak huwa li ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Il-qorti Ingliża fis-sentenza fl-ismijiet Karen Murphy *v. Media Protection Services Limited* (mogħtija fl-24 ta' [Frar] 2012) straħet fuq dak li qalet il-Qorti Ewropea fejn il-punt kruċjali ta' liem kien li l-liġi domestika ma tistax tipprevjeni individwi mili jimportaw *smartcards*, ġenwini u għalhekk leġittimi, f'territorju ta' membru stat tal-Unjoni Ewropea differenti minn dak li fih tkun ġiet emessa l-i*smartcard* in kwistjoni għaliex dan jikkostitwixxi restrizzjoni tal-libertà tal-provvista tas-servizzi projbit fit-termini tal-Artiklu 56 tat-*Treaty on the Functioning of the European Union* u konsegwentement irriteniet illi stipulazzjonijiet kuntrattwali li jipprevjenu l-bejgħ ta' *smartcards* bejn il-membri stati tal-Unjoni Ewropea huma nulli għaliex jikkostitwixxu restrizzjoni bi ksur tal-artikolu 101 tat-Trattat.

»Illi għaldaqstant dan l-aggravju jimmerita wkoll li jiġi miċħud.«

23. Tassew illi, kif igħidu l-atturi appellanti, ir-raġunament u l-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar id-dritt tal-awtur huma x'aktarx sempliċistiċi u ma jqisux il-fatturi kollha relevanti. Madankollu, kif sewwa wkoll tgħid il-konvenuta, tassew illi l-atturi kienu ferm selettivi fis-siltiet li irriprodu ċew mis-sentenza ta' *QC Leisure* u Karen Murphy, għax il-kwistjoni ma hijiex biss jekk *FAPL* għandhiex dritt tal-awtur, u safejn jasal dak id-dritt, iżda jekk dak li għamlet il-konvenuta kienx bi ksur ta' dak id-dritt.

24. Ma jidhirx li hu kontestat mill-konvenuta illi hemm elementi tax-xandiriet li huma mħarsa mid-dritt ta' awtur, kif imfisser mill-atturi fir-rikors tal-appell. Lanqas ma jidher illi huwa l-każ li l-*cards* mibjugħa mill-konvenuta jagħtu aċċess biss għall-*clean feed – i.e.* xandir tal-

logħob biss mingħajr kummentarju u mingħajr dawk l-elementi l-oħra li jintlaqtu mid-dritt tal-awtur – għax meta il-*cards* ikunu attivati jagħtu f'Malta bħal ma jagħtu fil-pajjiż fejn ikunu nxtraw l-istess aċċess għax-xandira sħiħa: stampa, grafika, mużika u kummentarju.

25. Għalhekk, safejn tgħid illi *FAPL* ma għandha ebda dritt tal-awtur, is-sentenza appellata hija ħażina.

26. Il-kwistjoni iżda ma tiqafx hawn, għax il-meritu tal-kawża ma huwiex biss jekk *FAPL* għandhiex dritt tal-awtur iżda jekk dak id-dritt inkisirx b'dak li għamlet il-konvenuta. Il-fatturi relevanti għad-deċiżjoni ta' dan il-meritu huma illi: i. il-*cards* mibjugħa mill-konvenuta lill-klijenti tagħha huma *cards* ġenwini u mhux kontraffatti; ii. dawn il-*cards* ġew attivati regolarment minn min għandu liċenza minn *FAPL* biex jagħmel hekk u mhux billi b'xi mod ġew imbagħbsa minn min mhux awtorizzat (u għalhekk ma humiex "apparat illeċitu"[7] għall-għanijiet tad-Direttiva 98/84/KE[8]); iii. il-*cards* inkisbu leġittimament bi ħlas mill-konvenuta fis-suq ewropew mingħand min hu awtorizzat li jbigħhom; iv. il-konvenuta ma hijiex qiegħda xxandar jew "ixxandar mill-ġdid" it-trasmissjonijiet

---

7 "64 … dan il-kliem ["apparat illeċitu"] huwa limitat għall-apparati li jkunu ġew suġġetti għal operazzjonijiet manwali jew awtomatiċi qabel l-użu tagħhom u li jippermettu riċezzjoni ta' servizzi protetti mingħajr il-kunsens tal-fornituri ta' dawn is-servizzi. Konsegwentement, dan il-kliem jipprevedi biss apparati li jkunu ġew immanifatturati, immanipulati, adattati jew riadattati mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-fornitur tas-servizzi, u ma jkoprix l-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin.»

»67 … il-kunċett ta' "apparat illeċitu", fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar l-aċċess kundizzjonali, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan la jkopri l-apparati ta' dekodifikazzjoni barranin, la dawk miksuba jew attivati permezz tal-provvista ta' isem falz u ta' indirizz falz u lanqas dawk użati bi ksur ta' limitazzjoni kuntrattwali li tippermetti l-użu tagħhom biss għal finijiet privati.« Kawżi magħquda C-403/08 u C-429/08.

8 Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (art. 2(e)).

tal-logħob tal-*Premier League* iżda biss tagħti l-mezzi tekniċi lill-klijenti tagħha biex jirċievu t-trasmissjonijiet magħmula leġittimament f'isem *FAPL*.

27. L-art. 7 tal-Kap. 415 igħid illi:

> »**7.** (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, *database,* xogħol litterarju, mużikali jew artistiku jkunu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalità tiegħu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:
>
> »(*a*) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull għamla, għal kollox jew f'parti minnu;
>
> »(*b*) il-ħlas għall-kiri u s-self;
>
> »(*ċ*) id-distribuzzjoni;
>
> »(*d*) it-traduzzjoni f'ilsna oħra inklużi ilsna differenti li jintużaw fil-*computer*;
>
> »(*e*) l-adattament, l-arranġament u kull tibdil ieħor u rriproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wiri jew esekuzzjoni quddiem il-pubbliku tar-riżultati ta' dan;
>
> »(*f*) ix-xandir jew ix-xandir mill-ġdid jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil;
>
> »(*g* il-wiri jew l-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku.«

28. Xejn minn dan ma jolqot dak li għamlet is-soċjetà konvenuta u għalhekk xejn minn dak li għamlet il-konvenuta ma hu bi ksur tad-dritt tal-awtur ta' *FAPL*.

29. Il-pretensjoni tal-atturi għalhekk, għalkemm mogħtija l-libsa tad-dritt tal-awtur, essenzjalment hija pretensjoni ta' *FAPL* ta' dritt ta' segmentazzjoni tas-suq ewropew u pretensjoni ta' *Melita* ta' esklużività jew monopolju fix-xandir tal-logħob tal-*Premier League* fit-territorju Malti.

30. Effettivament, kif iridu l-atturi, is-suq wieħed ewropew jinqasam fi swieq nazzjonali, u l-prezz tas-servizz lill-konsumatur f'kull wieħed

mis-swieq jiġi determinat minn *FAPL* u minn min ikollu l-liċenza mingħand *FAPL* għal dak is-suq, b'mod għalhekk illi l-prezz jista' jkun differenti minn suq għal ieħor u l-konsumatur ma jkollux għażla minn liema suq jikseb il-*card*[9]. Jekk, min-naħa l-oħra, huwa leċitu li jsir dak li għamlet il-konvenuta, il-konsumatur ikollu għażla mnejn jikseb id-*decoder card* b'mod li jista' jiksibha minn fejn tkun l-orħos, u hekk tkun tista' ssir kompetizzjoni bejn min ikollu l-liċenza għall-bejgħ ta' *decoder cards*.

31. Dan li għadu kemm ingħad fil-paragrafu ta' qabel dan ġà huwa biż-żejjed biex juri illi huma aktar l-atturi li jridu jiksru l-liġi tal-kompetizz-joni ħielsa u taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti u s-servizzi, milli hija l-konvenuta li qiegħda tikser drittijiet tal-atturi. L-oneru għalhekk qiegħed fuq l-atturi biex juru illi hemm raġuni tajba għala fl-interess tagħhom għandha ssir eċċezzjoni għall-prinċipju tas-suq wieħed u taċ-ċirkolazzjon ħielsa tas-servizzi u tal-prodotti.

32. Din il-kwistjoni ġiet indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' <u>Karen Murphy</u> u <u>*QC Leisure*</u> ċitat mill-partijiet:

> »90 *FAPL et* … … … isostnu li r-restrizzjoni li toħroġ mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi ġġustifikata fid-dawl tad-drittijiet ta' proprjetarji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, peress li din hija neċessarja sabiex tiżgura l-protezzjoni tar-remunerazzjoni xierqa ta' dawn il-proprjetarji, filwaqt li tali remunerazzjoni tippresupponi li dawn

[9] "FAPL ikkunsidrat li attivitajiet bħal dawn joħolqu ħsara lill-interessi tagħha, peress li dawn jippreġudikaw l-esklużività tad-drittijiet konċessi taħt liċenzja f'territorju partikolari u, għalhekk, il-valur ta' dawn id-drittijiet. Fil-fatt, l-organizzazzjoni tax-xandir televiżiv li tbigħ il-kards ta' dekodifikazzjoni l-inqas għalja tista' potenzjalment issir, fil-prattika, l-organizzazzjoni tax-xandir televiżiv fil-livell Ewropew, u dan ikollu l-konsegwenza li d-drittijiet tax-xandir fl-Unjoni Ewropea jiġu konċessi fil-livell Ewropew. Dan iwassal għal telf kbir ta' dħul kemm għal FAPL kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv u għalhekk tiġi ppreġudikata l-vijabbiltà tas-servizzi li dawn jipprovdu." Para. 43 fil-Kawżi magħquda C-403/08 u C-429/08.

tal-aħħar għandhom id-dritt jitolbu l-ħlas tagħha għall-użu tax-xogħol tagħhom jew ta' oġġetti oħra protetti f'kull Stat Membru u jagħtu fir-rigwarda tagħhom esklużività territorjali.

»91 F'dan ir-rigward, l-imsemmija partijiet iqisu b'mod partikolari li, fin-nuqqas ta' protezzjoni sħiħa ta' din il-klawżola territorjali, il-proprjetarju tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ma jkunx iktar jista' jikseb ħlasijiet xierqa għal liċenzji min-naħa tal-organizzazzjonijiet tax-xandir peress li x-xandir dirett ta' logħbiet ikun tilef parti mill-valur tiegħu.Fil-fatt, l-organizzazzjonijiet tax-xandir ma għandhomx interess jiksbu liċenzji barra mit-territorju tal-Istat Membru tat-trażmissjoni.Ksib ta' liċenzji għat-territorji nazzjonali kollha fejn jirresjedu klijenti potenzjali ma huwiex interessanti mill-perspettiva finanzjarja, minħabba l-prezz għoli ħafna ta' tali liċenzji.Għalhekk, dawn l-organizzazzjonijiet jiksbu l-liċenzji sabiex juru x-xogħlijiet ikkonċernati fit-territorju ta' Stat Membru wieħed.Issa, dawn huma lesti li jagħmlu ħlas sostanzjali sakemm ikollhom il-garanzija ta' esklużività territorjali peress li din tippermettilhom jiddistingwu ruħhom mill-kompetituri tagħhom u b'hekk jattiraw iktar klijenti.

»92 *QC Leisure et* … … … isostnu li tali restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' xandir ma tistax tiġi ġġustifikata, peress li din twassal għall-qsim f'kompartimenti tas-suq intern.«

33. Il-qorti mbagħad sabet, għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi 93 sa 104 tas-sentenza (ċitati fuq mill-konvenuta fit-tweġiba tagħha għat-tieni aggravju) illi:

»Stat Membru jista' jipproteġi l-logħbiet sportivi, fejn applikabbli fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, billi jistabbilixxi leġiż-lazzjoni nazzjonali speċifika, jew billi jirrikonoxxi, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, protezzjoni mogħtija lil dawn il-logħbiet permezz ta' strumenti kuntrattwali konklużi bejn il-persuni li għandhom id-dritt li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-kontenut awdjoviżiv ta' dawn il-logħbiet u l-persuni li jixtiequ jxandru dan il-kontenut lill-pubbliku fuq għażla tagħhom.[10]«

34. Dik il-protezzjoni, iżda, ma għadhiex titħalla jkollha l-effett li twassal għall-fragmentazzjoni tas-suq ewropew u l-qorti għalhekk ikkonkludiet illi:

»… … … ir-restrizzjoni li tikkonsisti fil-projbizzjoni tal-użu ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin ma tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.[11]«

---

10 Para. 102.

11 Para. 117.

35. L-aggravju tal-atturi għalhekk għandu jiġi miċħud għax, għalkemm – kontra dak li qalet l-ewwel qorti – għandhom dritt tal-awtur fuq xi elementi tax-xandiriet, dak id-dritt ma nkisirx b'dak li għamlet il-konvenuta u, f'kull każ, il-pretensjoni tal-atturi billi twassal għall-fragmentazzjoni tas-suq ewropew ma hijiex pretensjoni leċita.

36. It-tielet aggravju huwa dwar id-drittijiet ta' *Melita*. Id-drittijiet pretiżi minn *Melta* huma ta' "esklużività territorjali", *i.e.* li *Melita* biss tista' tipprovdi s-servizz lil min irid jara l-partiti tal-*FAPL* b'mod illi l-konsumaturi ma jkunux jistgħu jixtru dak is-servizz mingħand ħaddieħor.

37. Għal din il-pretensjoni jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet magħmula fuq dwar il-fragmentazzjoni tas-suq. Ladarba l-konsumaturi jistgħu leġittimament jaqbdu u jiddeċifraw ix-xandiriet permezz ta' *cards* miksuba leġittimament, il-pretensjoni ta' esklużività ta' *Melita* trid bilfors tfalli. Effettivament, il-ftehim ta' esklużività bejn *FAPL* u *Melita* huwa:

> »139 … ftehim li għandu tendenza li jirrikostitwixxi l-qsim f'kompartimenti tas-swieq nazzjonali [u għalhekk] jista' jmur kontra l-għan tat-trattat li tinkiseb l-integrazzjoni ta' dawn is-swieq bl-istabbiliment ta' suq uniku. Għalhekk, kuntratti intiżi li jaqsmu s-swieq nazzjonali skont il-fruntieri nazzjonali jew li jrendu d-dħul fis-swieq nazzjonali iktar diffiċli għandhom jiġu kkunsidrati, bħala regola ġenerali, ftehim li għandhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.
>
> »… … …
>
> »144 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba dawn il-klawżoli tal-kuntratti ta' liċenzjar esklużiv għandhom għan antikompetittiv, għandu jiġi konkluż li huma jikkostitwixxu restrizzjoni għall-kompetizzjoni pprojbita fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.
>
> »… … …

»117 Fid-dawl tal-premess … il-klawżoli ta' kuntratt ta' liċenzjar esklużiv konkluż bejn proprjetarju ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u organizzazzjoni tax-xandir jikkostitwixxu restrizzjoni għall-kompetizzjoni pprojbita mill-Artikolu 101 TFUE peress li dawn jimponu l-obbligu fuq din l-organizzazzjoni tal-aħħar li ma tipprovdix apparati ta' dekodifikazzjoni li jippermettu l-aċċess għall-oġġetti protetti ta' dan il-proprjetarju bil-għan li dawn jintużaw barra mit-territorju kopert minn dan il-kuntratt ta' liċenzjar.[12]«

38. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

39. Ir-raba' aggravju huwa dwar id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ma tistax titressaq xiehda dwar it-trattativi li saru bejn il-partijiet qabel infetħet il-kawża għax dawk it-trattativi saru "mingħajr preġudizzju".

40. Fil-fehma ta' din il-qorti l-ewwel qorti tat importanza x'aktarx sproporzjonata għal din il-kwistjoni illi, fil-verità, saret irrelevanti fid-dawl tal-konklużjoni illi ma sar xejn bi ksur tad-drittijiet tal-atturi u li, f'kull każ, il-pretensjoni tal-atturi hija waħda illeċita. Dan l-aggravju għalhekk għandu interess biss akkademiku u ma huwiex il-każ li l-qorti tqisu aktar.

41. Il-ħames u l-aħħar aggravju – dwar l-allegazzjoni ta' *mala fides* tal-konvenuta – ukoll huwa irrelevanti. Kif, wara kollox, igħidu l-atturi stess fir-rikors tal-appell dwar dan l-aggravju, "L-argument tal-*buona fede versus mala fede* ftit li xejn għandu lok f'din il-kwistjoni": ladarba l-atturi ma għandhomx id-drittijiet minnhom vantati, l-azzjoni tagħhom ma tistax tirnexxi, u l-konvenuta ma tistax titqies *in mala fide* meta dak li għamlet ma kienx xi att ta' emulazzjoni jew abbuż ta' dritt.

42. Dan l-aħħar aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

[12] Kawżi magħquda C-403/08 u C-429/08.

43. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma s-sentenza li minnha sar l-appell.

44. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom is-soċjetajiet atturi flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb